MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 435/2005

Tampa Limited u Aquarius Properties Limited
vs
Anthony Vassallo

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjetajiet atturi li biha ippremettew:

Illi permezz ta' skrittura datata l-4 ta' April, 1996 is-socjetajiet Tampa Limited, Aquarius Properties Limited, u A. Vassallo & Sons Investments Co. Ltd., kienu obbligaw ruhhom illi jbieghu lis-socjeta` R. Cam Co. Ltd. l-art deskritta fl-istess skrittura privata, bil-pattijiet li jirrizultaw f'dik l-iskrittura, fosthom illi l-att finali jigi pubblikat sa tliet snin mill-4 ta' April, 1996;

Illi l-kuntratt riferit hawn fuq baqa' ma giex pubblikat u l-konvenju relativ skada;

Illi s-socjeta` R. Cam Co. Ltd. kienet hallset is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm28,000.00) bhala depozitu akkont ghax-xiri tal-proprjeta` immobli fuq imsemmija, liema depositu bi qbil bejn il-partijiet involuti fil-konvenju li sar gie mghoddi f'idejn il-konvenut Anthony Vassallo;

Illi s-socjeta` R. Cam Co. Ltd intavolat kawza (Citazzjoni numru 1441/99/GV) kontra Tampa Limited, Aquarius Properties Limited, A. Vassallo & Sons Investments Co. Ltd. u wkoll kontra Anthony Vassallo personalment, ghar-rifuzjoni b'mod solidali tad-depozitu ta' Lm28,000.00 hawn fuq imsemmi;

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim'Awla fid-29 ta' Ottubru, 2001 (Dokument A) is-socjetajiet Tampa Limited, Aquarius Properties Limited u A. Vassallo & Sons Investments Co. Ltd, kif ukoll il-konvenut Anthony Vassallo, personalment, gew kundannati solidament ihallsu lis-socjeta` R. Cam Co. Ltd, is-somma ta' Lm28,000.00 bl-imghax legali mill-4 ta' April, 1996 u l-ispejjez;

Illi s-socjetajiet attrici kienu ghamlu tajjeb ghar-rifuzjoni ta' l-imsemmi depositu, pendenti l-ezitu tal-kawza ntavolata kif fuq jinghad mis-socjeta` R. Cam Co. Ltd., permezz ta' garanzija bankarja li in forza taghha l-istess R. Cam Co. Ltd. thallset is-somma ta' Lm28,000.00 wara li nghatat is-sentenza li ghaliha qed issir riferenza;

Illi kien unikament ir-rifjut ta' Anthony Vassallo sabiex irodd lura d-depozitu li gie mghoddi f'idejh, kif fuq spjegat, illi wassal biex kellha ssir da parti tas-socjeta` R. Cam Co. Ltd. il-kawza fuq riferita, u biex is-socjetajiet attrici jkollhom jinkorru l-ispejjez tal-kawza fuq riferita li saret fil-konfront taghhom oltre l-ispejjez konnessi mal-hrug ta' garanzija bankarja kif fuq jinghad;

L-atturi talbu li l-Qorti:
(1) tiddikjara li l-istess konvenut huwa obbligat irodd lis-socjetajiet attrici s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm28,000.00) li giet mhallsa minhhom lis-socjeta`

R. Cam Co. Ltd, kif spjegat hawn fuq, oltre l-ispejjez li s-socjetajiet attrici kellhom jinkorru wkoll kif spjegat;

(2) tordna lill-konvenut sabiex irodd u jhallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm28,000.00) minhhom mhallsa lis-socjeta` R. Cam Co. Ltd., bl-imghax legali dekorribbli b'effett mid-29 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv;

(3) tillikwida l-ispejjez li gew inkorsi mis-socjetajiet attrici ghall-kawza maghmula fil-konfront taghhom lis-socjeta` R. Cam Co. Ltd., oltre l-ispejjez konnessi mal-hrug ta' garanzija bankarja da parti tas-socjeta` attrici ghaf-favur tas-socjeta` R. Cam Co. Ltd., minbarra spejjez ohrajn konsegwenzjali li s-socjetajiet attrici kellhom jinkorru; u

(4) tordna lill-konvenut ihallas l-ispejjez li jigu hekk likwidati, bl-imghax legali;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Frar 2004, kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjetajiet attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Vassallo li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici billi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjetajiet attrici u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-konvenut ghamel pagament ta' erbatax-il elf, seba' mija u tmenin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm14,780.66) liema pagament sar a saldu wara li gie prezentat rikors ghal subbasta, bin-numru 43/2002, fl-ismijiet **R. Cam Co. Ltd. vs Anthony Vassallo** in segwitu tal-kawza citata

mis-socjetajiet atturi, cioe` **R. Cam Co. Ltd. vs Tampa Limited et (Citazz. Nru. 1441/99GV)** deciza fid-28 ta' Ottubru 2001, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' <u>Anthony Buhagiar</u> li fih ikkonferma l-fatti fid-dikjarazzjoni li tikkompanja c-citazzjoni. Semma li s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm28,000.00), li kienet tirrapresenta d-depozitu akkont tal-prezz tal-bejgh miftiehem skond l-iskrittura privata datata 4 ta' April, 1996 thallset lill-konvenut Anthony Vassallo mis-socjeta` kompratrici R. Cam. Co. Ltd. billi sar l-ewwel pagament ta' Lm3,000.00 permezz ta' *cheque* ma' l-iffirmar tal-konvenju u mbaghad it-tieni pagament fl-ammont ta' Lm25,000.00, permezz ta' *bank draft* datat 12 ta' April, 1996 li kopja tieghu giet esebita (Dokument A) fil-kawza maghmula minn R. Cam. Co. Ltd. li giet deciza fid-29 ta' Ottubru, 2001 u msemmija fid-dikjarazzjoni. F'dik il-kawza Anthony Vassallo kien imharrek personalment flimkien mas-socjetajiet Tampa Limited, Acquarius Properties Limited u A. Vassallo & Sons Investments Co. Ltd li kienu l-firmatarji tal-konvenju li sar kif spjegat. B'hekk Anthony Vassallo gie kundannat solidament mal-imsemmija tliet socjetajiet biex ihallsu lura lil R. Cam. Co. Ltd. id-depozitu ta' Lm28,000.00 li bhala fatt kien gie mghoddi kollu lilu. Meta s-socjetajiet attrici kif ukoll is-socjeta` A. Vassallo & Sons Investments Co. Ltd. intalbu minn R. Cam. Co. Ltd. sabiex iroddu lura d-depozitu li kien thallas skond il-

konvenju, Tampa Limited u Aquarius Properties Limited da parti taghhom talbu lil Anthony Vassallo jrodd il-flus li kien ircieva, izda hu rrifjuta. Meta mbaghad R. Cam. Co. Ltd. fethet il-kawza taghha (Citazzjoni numru 1441/99GV), is-socjetajiet attrici gew kostretti li biex jevitaw il-hrug ta' mandati kawtelatorji kontra taghhom iqieghdu fiz-zgur il-kreditu pretiz minn R. Cam. Co. Ltd. bil-hrug ta' garanzija bankarja. Gara ghalhekk li meta nqatghet il-kawza maghmula minn R. Cam. Co. Ltd. ghal flusha, bl-erba' konvenuti f'dik il-kawza kundannati solidament bejniethom biex ihallsu lura d-depozitu in kwistjoni, R. Cam. Co. Ltd. kellha d-dritt li tithallas bis-sahha tal-garanzija li kienet inharget minn Tampa Limited u Aquarius Properties Limited. Il-konvenut jghid illi ma ghandu jaghti xejn lis-socjetajiet attrici ghaliex ghamel il-hlas ta' Lm14,780.66 **<u>a saldu</u>** biex giet ceduta s-subbasta numru 43/2002 mitluba minn R. Cam. Co. Ltd. kontrih. Jidher car mir-rikors li kien sar biex inbdiet din is-subbasta (li kopja tieghu giet presentata mill-konvenut flimkien ma' l-eccezzjonijiet tieghu) li:

(i) R. Cam. Co. Ltd. kienet diga thallset id-depozitu (Lm28,000.00) **<u>bis-sahha tal-garanzija bankarja</u>** li nharget, minn Tampa Limited u Aquarius Properties Limited, u

(ii) R. Cam. Co. Ltd. kien ghad fadlilha tithallas **<u>l-imghax u l-ispejjes</u>**. Sar hlas a saldu ta' l-imghax u l-ispejjes li kienu dovuti lil R. Cam. Co. Ltd. Qabel saret din il-kawza talbu lill-konvenut, b'ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 2004, sabiex ihallashom l-ammont ta' Lm28,000.00 li rceviet minghandhom R. Cam. Co. Ltd., izda l-konvenut baqa' inadempjenti.

Xehed <u>Anthony Buhagiar</u> in kontro ezami u gie mistoqsi fir-rigward ta' dak li qal fl-affidavit tieghu u spjega li dak il-pagament sar lil Anthony Vassallo ghax dan kellu jaghmel pagament fuq l-istess art izda meta ghamlu r-ricerki, sabu li anqas biss il-konvenju ma kien sar fuq din l-art. Gie mistoqsi jaqbilx li Anthony Vassallo fil-fatt, kellu jiehu xi flus minn ghandhom, u qal li Anthony Vassallo qatt ma kellu jiehu flus minn ghandhom. Gie mistoqsi dwar fol 35 esebit fil-process, li sar il-pagament ta' LM25,000.00, u qal li dan l-ammont huwa parti mit-LM28,000.00. Gie

mistoqsi jafx li s-Sur Vassallo hallasx l-ammont ta' Lm14,000.00 fuq subasta, u irrisponda li iva, kien jaf b'dan. In ri-ezami ikkjarifika li dawn l-Lm14,000.00 thallsu ghas-subasta minn R. Cam. Co. Ltd., u dan l-ammont kollu kien ikopri l-imghaxijiet tas-somma kollha ta' Lm28,000.00, kif ukoll xi spejjez legali. Anthony Vassallo qatt ma ghamillu kawza kontrih jew fittxu rigward flus li kellu jiehu minn ghandu.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Patrick Dalli</u> u ikkonferma d-dikjarazzjoni li giet maghmula minn Anthony Buhagiar ghan-nom ta' Aquarius Properties Limited flimkien mac-citazzjoni, kif ukoll mal-fatti msemmija permezz ta' l-affidavit ta' Anthony Buhagiar. Hu sostna li ladarba ma setax isir il-kuntratt li dwaru sar il-konvenju ma' R. Cam. Co. Ltd. u ladarba d-depozitu kollu ta' Lm28,000.00 akkont tal-prezz miftiehem gie mghoddi f'idejn il-konvenut Anthony Vassallo, l-istess Anthony Vassallo kien obbligat irodd lura dan id-depozitu lil R. Cam. Co. Ltd. Il-konvenut dan ma ghamlux, kif lanqas ma accetta li jrodd lis-socjetajiet attrici dak li spiccaw ihallsu huma lil R. Cam. Co. Ltd. skond is-sentenza li naghatat fil-kawza ghall-hlas lura tad-depozitu.

Xehed <u>Patrick Dalli</u>, Direttur ta' Tampa Ltd. u qal li hu u Anthony Vassallo kienu ghamlu konvenju flimkien ma' R. Cam. Co. Ltd., u parti mill-*plots* li Anthony Vassallo kien qallu li kellu konvenju ma' haddiehor. Huma fdawh lil Vassallo ghax kienu anke ghamlu negozju mieghu iktar qabel. Vassallo kien qalilhom li l-flus ihalluhom mieghu biex hu jkollu flus biex ihallas il-kumplament li baqaghlu jaghti. Qatt ma kellu jaghti xi flus lil Anthony Vassallo.

Gie prezentat l-affidavit ta' <u>Dr. John Vassallo</u>, konsulent legali taz-zewg socjetajiet attrici, fejn intqal li wara li giet deciza l-kawza fl-ismijiet R. Cam. Co. Ltd. vs Tampa Limited, Aquarius Properties Limited, A. Vassallo & Sons Investments Ltd u Anthony Vassallo (Citazzjoni numru 1441/99GV, 29 ta' Ottubru 2001), R. Cam. Co. Ltd. thallset is-somma ta' Lm28,000.00 li ghaliha kienet harrket, in forza tal-garanzija bankarja li permezz taghha s-socjetajiet attrici kienu ghamlu tajjeb ghar-rifuzjoni ta' l-

istess somma pendenti l-ezitu ta' dik il-kawza. R. Cam. Co. Ltd. kien ghad fadlilha tigi mhallsa l-imghax legali u l-ispejjes gudizzjarji. Ghal tali mghax u spejjes is-socjeta` ipprocediet fil-konfront ta' Anthony Vassallo b'talba ghall-bejgh b'subbasta tal-proprjeta` tieghu, b'intendiment car pero` mas-socjetajiet attrici, li dawn ta' l-ahhar kellhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjes kollha tal-proceduri relativi. Infatti ikkonferma li s-socjetajiet attrici hallsu dawn l-ispejjes ghax kien inkarigat biex jeffettwa l-hlasijiet mehtiega, cioe` dawk biex seta' jigi intavolat ir-rikors ghall-bejgh b'subbasta, biex saret l-istima peritali tal-proprjeta`, u spejjes ohrajn konsegwenzjali ammontanti b'kollox ghal **Lm628.97**. Meta l-konvenut mar jiddepozita f'idejn id-Deputat Registratur Vincent Attard is-somma ta' **Lm14,780.66** fl-atti tas-subasta riferita, ix-xhud gharraf lill-konsulent legali ta' R. Cam. Co. Ltd. bid-depozitu u gie awtorizzat jizbanka l-istess flus. Naqqas l-ispejjes li kienu inkorrew is-socjetajiet attrici kif spjegat hawn fuq, u ghadda l-ammont rimanenti f'idejn il-konsulent legali ta' R. Cam. Co. Ltd. in sodisfazzjon totali ta' dak illi s-socjeta` kien ghad fadlilha tithallas in forza tas-sentenza li kienet kisbet.

Xehedet Audrey Ghigo, *court representative* mal-*legal office* mal-HSBC Bank Malta p.l.c. u qalet li fis-26 ta' Jannar 2001, kien hemm *special guarantee* 50-01/08. Kienet harget ghal Lm15,000 minn Account Aquarius Properties, minhabba li *garnishee order* 307/00 datat 26 ta' Jannar 2000. Din il-garanzija giet ikkancellata ghaliex kien hemm ammont hazin u kienet harget ohra flokha 50-01/16 ghall-ammont ta' Lm 14,000. Ic-*charges* sa 26 January 2002 kienu ta' Lm102 minflok ta' Lm204 ghax kien hemm xi *charges waived* minhabba r-*relationship* tal-klijenti. Esebiet zewg kopji tal-garanzija ta' Lm15,000 u ta' Lm14,000. Il-*claim* tal-garanzija saret fl-1 ta' Dicembru 2001 u kien thallas R. Cam. Co. Ltd. fl-ammont ta' Lm14,000. Il-garanzija giet sbankata. Issa rigward il-garanzija 43-801 ta' LM14,000 din harget fit-30 ta' Jannar 2001 mill-*account* ta' Tampa Limited, ic-*charges* sat-13 ta' Jannar 2002 kienu ta' Lm210 pero` ma kenitx taf meta giet zbankata, minhabba diffikulta` fl-arkivju, u ipprezentat kopja, Dokument AG3.

Xehed Anthony Vassallo u qal illi hu jahdem bhala kuntrattur u ilu jahdem f'din il-haga ghal dawn l-ahhar 27 sena. Semma li kien sar jaf lil Tony Buhagiar u Patrick Dalli fuq xi trasferimenti ta' xi artijiet, ghalkemm huma kienu jadhmu ghan-nom ta' xi kumpaniji. Darba minnhom ghamlu konvenju fuq bicca art f'Hal Safi quddiem in-Nutar Mario Bugeja. Il-kumpraturi kienu hu, Patrick Dalli u Tony Buhagiar ghan-nom tal-kumpanija. Darba minnhom kienu ghamlu weghda ta' bejgh ghal parti min din l-art bil-prezz ta' Lm280,000 u ghalhekk tahom Lm28,000 bhala depozitu. Qal illi dawk it- Lm28,000 kienu qasmuhom bejn tlieta. Il-kumpratur kien tahom zewg cekkijiet, wiehed ta' Lm25,000 u wiehed ta' Lm3,000. Qal illi fil-fatt ic-cekkijiet saru fuqu minhabba l-fatt li kellhom jaghtuh ammonti ohra. Fuq domanda tal-Qorti, kif inhi li qabel qal li qasmu bejn tlieta meta fil-fatt il-flus hadhom kollha hu irrisponda li suppost kellhom jinqasmu bejn tlieta izda bhala stat ta' fatt peress li l-ohrajn kellhom jaghtuh l-flus kienu iddecidew li jdawru l-flus ghal fuqu. Huma kellhom jaghtuh il-flus fuq l-ewwel art li semma. Kuntratt ma' Raymond qatt ma sar u in segwitu fethilhom kawza u tilfuha. Infethet subasta biex ihallsu l-flus u ftakar li kien hallas xi Lm14,000. Kien hallashom u fis-subasti kien qallu li ma fadal xejn problemi, li kollox *cleared*. Irrepeta li Buhagiar u Dalli kellhom jaghtuh ta' xi negozju izda ta' xiex kien ezatt hu ma jafx, u wara ippreciza li ma jiftakarx. Cahad li hu kien wieghed lill-atturi li ser ibieghelhom bicca art li wara kien irrizulta li ma kenitx tieghu.

Xehed in-Nutar Mario Bugeja u qal li jiftakar li xi zmien ilu kien xehed fil-kawza fil-proceduri bejn R. Cam. Co. Ltd. kontra Tampa Limited et u qal illi d-direttur huwa Ray Camilleri miz-Zurrieq. Qal li f'dan il-kaz li gara hija li kien sar konvenju fejn Ray Camilleri kien qed jixtri bicca art b'xi *plots* bil-patt tal-permess tal-bini, kien hallas xi depozitu, Patrick Dalli, Anthony Buhagiar kienu iddelegaw lil Camilleri biex ihallas lill-Vassallo.

Xehed Vincent Attard u qal li hu kien jahdem is-subasta tal-Qorti. Ra dokument a fol 23 tal-process u dwar dan qal li kitbu hu. Qal li kienet tezisti subasta numru 43/2002

fl-ismijiet R. Cam. Co. Ltd. vs Anthony Vassallo u din is-subasta kienet appuntata u d-debitur Anthony Vassallo kien hallas is-somma ta' Lm14,780.66c bhala hlas ghas-saldu ta' l-imghaxijiet u spejjez ohra gudizzjarji rizultanti minn dawn l-istess atti, ghaliex is-subasta kienet tezisti biex jingabru dawn il-flus. Ra fol 24 tal-process u dwar dan qal li dawn hadimhom mill-atti tas-subasta stess. Kalkoli ta' l-imghax dovut, l-ispejjez gudizzjarji u r-relazzjoni tal-perit u l-ispejjez tas-subasta wkoll.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi fil-kaz odjern, is-socjetajiet attrici sostnew li l-konvenut Anthony Vassallo kien ircieva l-flus bhala depozitu wara l-iskrittura privata ta' l-4 ta' April 1996. Peress li b'decizjoni moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, Tampa Limited, Aquarius Properties limited, A. Vassallo and Sons Investments Company Limited, u Anthony Vassallo personalment gew ordnati jhallsu l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (LM28,000) lil R. Cam Co. Ltd. U peress li s-socjetajiet attrici kienu allegaw li ghamlu tajjeb ghar-rifuzjoni ta' l-imsemmi depozitu, u fil-fatt permezz ta' garanzija bankarja, is-socjeta` R. Cam Co. Ltd. thallset is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (LM28,000), l-atturi qed jitolbu l-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (LM28,000) minghand il-konvenut Anthony Vassallo. Illi min-naha tieghu, il-konvenut laqa' billi qal li m'ghandu jaghti xejn lis-socjetajiet attrici, u illi huwa ghamel pagament ta' Lm14,780.66, liema pagament sar ghas-saldu wara li gie prezentat rikors ghal subasta bin-numru 43/2002. L-insistenza tal-konvenut hija li hu kien hallas l-ammont ta' Lm14,780 ghas-saldu.

Jibda biex jinghad li hija gurisprudenza pacifika li min jallega l-pagament ghandu jippruvah, hekk kif inghad fil-kawza **Rosario Spiteri vs Michele Mifsud**, Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ottubru 1953;

"Il-prova tal-kreditu dovut kien jinkombi fuq l-attur li jallegah."

"Meta l-provi testimonjali jkunu f'kunflitt reciproku manifest, ikun hemm l-assoluta mankanza tal-prova, u l-

konsegwenzi ta' din id-decizjoni wisq ovvjament ghandhom jirrikadu fuq min jaggrava l-oneri tal-prova."

Kif ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Dalli vs Michael Balzan noe**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 inghad illi:
"……l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok, u dejjem l-obbligu li jipoprova l-kreditu minnu vantat. Inkella fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa' jimpera l-principju "actor non probante reus absolvitur". (Ara wkoll, **Geraldo Muscat vs Amadeo Cassar**, Qorti ta' l-Appell, 27 ta' Gunju 2008).

Illi m'hemmx dubju li Anthony Vassallo personalment gie kundannat solidalment mal-imsemmija tliet socjetajiet biex ihallas lura lil R. Cam Co. Ltd. id-depozitu ta' tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (LM28,000), li bhala ammont kien gie mghoddi kollu lilu.

Illi fil-fatt, Anthony Buhagiar esebixxa kopja tac-cekk fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (LM25,000) f'isem Anthony Vassallo (fol 35). Illi l-istess xhud Anthony Buhagiar sostna li l-ammont ta' Lm14,780.66 thallsu in segwitu tas-subasta minn R. Cam Co. Ltd., u dan l-ammont kollu kien ikopri l-imghaxijiet fuq is-somma kollha ta' Lm28,000, kif ukoll xi spejjez ohra konnessi (fol 41). Illi fil-fatt, ix-xhud Audrey Ghigo, rapprezentanta tal-Bank H.S.B.C. esebiet id-dokumenti u jidher li l-ammont ta' hmistax-il elf Liri Maltin (LM15,000), kien gie mhallas minn Aquarius Properties Limited (fol 56 sa 58), u l-ammont ta' Lm14,000 thallas mill-kont ta' Tampa Limited (fol 59).

Ix-xhud Vincent Attard li kien jahdem is-subasta tal-Qorti ikkonferma u d-dokument a fol 23 juri car li thallset is-somma ta' Lm14,780.66 u a fol 24 hemm dettaljatament fiex kien jikkonsosti dan l-ammont. Hekk jirrizulta li:

| | |
|---|---|
| Lm12,692.88,0 | Imghaxijiet |
| Lm1,345.41,0 | Spejjez gudizzjarji (ara fol 48 u 49) |
| Lm113.20,0 | VAT |
| Lm84.00,0 | |
| Lm20.00,0 | |
| Lm6.67 | L-ewwel rikors subasta |

| | |
|---|---|
| Lm462.30,0 | Relazzjoni peritali |
| Lm25.00,0 | |
| Lm6.00,0 | |
| Lm25.00,0 | |
| Lm14,780.66 | TOTAL |

Dan id-dokument gie esebit propju mill-konvenut stess bhala Dokument AV1 u jinstab a fol 23 u 24 tal-process.

Jinghad ukoll li l-imsemmi xhud Attard zied jghid li Anthony Vassallo kien hallas is-somma ta’ Lm14,780.66 bhala hlas ghas-saldu ta’ l-imghaxijiet u spejjez ohra gudizzjarji ghaliex is-subasta kienet tezisti biex jingabru dawn il-flus (fol 75).

Illi min-naha tieghu, il-konvenut sostna li huwa hallas dan l-ammont ta’ Lm14,780.66 ghas-saldu. F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi dak enuncjat fil-kawza **Ciantar Francis pro et noe vs Clews Norman et**, Prim’Awla Qorti Civili, fit-12 ta’ Ottubru 2005,
“In konformita` mal-prattika kummercjali diffusa, min kellu l-intenzjoni li jwettaq pagament finali (in full and final settlement, kellu jinsisti ghal kwittanza shiha permezz ta’ dokument jew ricevuta jew kitba xort’ohra, attestanti r-ricessjoni tal-hlas ghas-saldu, u allura wkoll, l-estinzjoni tad-debitu.” (Ara wkoll **Peter Attard vs Lawrence u Carmen Fino**, Appell tat-28 ta’ Marzu 2008.

Illi in vista ta’ dan enuncjat hawn fuq, jigi dedott li huwa rikjest biex jassolvi ghal kollox ir-rapport kreditur-debitur, u l-estinzjoni ta’ l-obbligazzjoni, irid ikun hemm il-pagament akkompanjat bid-dikjarazzjoni li dan kien qed isir “ghas-saldu”. Illi minn analizi tal-provi u l-fatti tal-kaz, ma jirrizulta minn imkien li fil-fatt il-konvenut ottjena dikjarazzjoni wara li hallas l-ammont ta’ Lm14,780.66, fl-atti tas-subasta li tghid li dan kien qed isir ghas-saldu tal-kreditu, u li ghalhekk kien hemm *full and final settlement* min-naha tieghu. Huwa veru li Vince Attard ikkonferma fix-xhieda tieghu li dan l-ammont ta’ Lm14,780.66 kien bhala hlas “ghas-saldu” ta’ l-imghaxijiet u spejjez ohra gudizzjarji izda din trid tinftiehem li kien qed jithallas ghas-saldu tal-pretensjonijiet u spejjez tas-subasta.

Infatti dak li gara huwa li in segwitu tal-kawza l-ohra ta' din il-Qorti diversament presjeduta t-tliet socjetajiet u Anthony Vassallo kienu gew dikjarati debituri fl-ammont ta' Lm28,000 favur is-socjeta` R. Cam Co. Ltd. Dan l-ammont baqa' ma thallasx ghal certu zmien, u in segwitu permezz ta' hlas mill-bank sar il-hlas ta' Lm28,000 mill-bank kif delegat mis-socjetajiet attrici. Izda kien il-konvenut li fir-relazzjonijiet interni ta' bejn il-partijiet li kellu jhallas kollox ghax kien hu li kien ircieva l-ammont ta' Lm28,000 u zammhom ghalih. Ghalhekk kien jinkombi fuqu li jhallas lura dawn it-Lm28,000 u l-ispejjez l-ohra kollha kawza tan-nuqqas ta' radd lura ta' l-istess ammont. Dak li halsu s-socjetajiet attrici kien l-ammont propju waqt li l-hlas li sar mill-konvenut ta' Lm14,780.66 kien ghal hlasijiet in konnessjoni mas-subasta u imghaxijiet. Is-socjetajiet attrici kienu hallsu minhabba li l-konvenut ma kienx hallas. Il-konvenut eccepixxa li m'ghandu jaghti xejn u ma spjegax ghaliex, izda fil-kors tal-kawza beda jinsisti li sar il-pagament ghas-saldu u li hu kif jirrizulta anke mix-xhieda tieghu stess a fol 61 *et* tal-process beda jallega li kellu jiehu l-flus minghand l-atturi.

Mistoqsi dwar ta' xiex kellu jiehu l-flus minghand is-socjetajiet attrici qal li ma jafx u ma jiftakarx u l-Qorti ssibha iebsa li ammont ta' Lm28,000 wiehed ma jkunx jaf u ma jiftakarx fuqu. Dwar l-allegazzjoni l-ohra li l-hlas sar ghas-saldu u mhux kif spjegat fuq li dan kien riferibbli ghal spejjez u imghaxijiet, kif jista' qatt bniedem ragjonevoli jasal ghall-konkluzjoni li wara snin ta' litigazzjoni, kanonizzazzjoni ta' kreditu ta' Lm28,000, is-socjeta` R. Cam Co. Ltd. kienet sejra taccetta li tithallas Lm14,780.66 ghas-saldu tal-kreditu kollu!

Minn dan kollu jemergi car li s-socjetajiet attrici hallsu l-ammont ta' Lm28,00 b'mod zejjed ghax Lm14,780.66 kien riferibbli ghal imghaxijiet u spejjez.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li m'ghandu x'jaghti xejn lis-socjetajiet attrici.

Tichad li l-konvenut ghamel il-pagament ta’ Lm14,780.66 ghas-saldu.

Riferibbilment ghat-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut obbligat irodd lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm28,000.00), ossija €65,240, li giet mhallsa minhhom lis-socjeta` R. Cam Co. Ltd.;

Tordna lill-konvenut sabiex irodd u jhallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm28,000.00), ossija €65,240, minhhom imhallsa lis-socjeta` R. Cam Co. Ltd., bl-imghax legali dekorribbli b’effett mid-29 ta’ Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv;

Dwar l-ispejjez inkorsi mis-socjetajiet attrici ghall-kawza maghmula fil-konfront taghhom lis-socjeta` R. Cam Co. Ltd., il-provi li saru, barra dak gja msemmi hawn fuq, huma biss dawk li jirrizultaw mid-dokument a fol 48 u 49 u cioe` ta’ Lm757.66 favur Aquarius Limited u Lm728.16 favur Tampa Limited, u cioe` l-ispejjez legali tal-kawza. Dwar l-ispejjez ghall-hrug tal-garanzija, Audrey Ghigo xehdet a fol 54 li kienu Lm102 u Lm210.

Tordna lill-konvenut ihallas lis-socjetajiet attrici, Lm859.66 (ossija €2003) (Lm102 + Lm757.66) lil Aquarius Limited, u Lm210 + Lm728.16 = Lm938.16, ossija €2185.91 lil Tampa Limited.

Bl-imghax legali u spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------